MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 90/2019 LM

**Ashraf Miah (Passaport Bangladeshi numru BQ 0232211)**
*("l-appellant")*

***vs.***

**The Central Visa Unit**
*("l-appellata")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti, hawnhekk l-appellant, **Ashraf Miah (Passaport Bangladeshi Numru BQ 0232211)**, mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Bord"), fis-27 ta' Novembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi,

> *"Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of Regulation 810/2009/EC, the Board rejects the appeal."*

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent beda proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni wara li fis-7 ta' Mejju, 2019 huwa ġie infurmat mill-intimata, hawnhekk l-appellata, **The Central Visa Unit** li l-applikazzjoni tiegħu għal visa tat-tip 'National D' ġiet rifjutata. Ir-rikorrent kien applika għal din il-*visa* mal-Ambaxxata Maltija fi New Delhi. Ir-raġuni li ngħata r-rikorrent għal dan ir-rifjut kienet li l-informazzjoni u l-ġustifikazzjonijiet mogħtija minnu, ma kinux ta' min jorbot fuqhom.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent kien ressaq applikazzjoni quddiem The Central Visa Unit sabiex jingħata visa tat-tip 'National D' għal perijodu ta' 91 ġurnata, għaliex huwa kellu l-ħsieb li jivvjaġġa lejn Malta għal skopijiet ta' impjieg. Din l-applikazzjoni saret fis-26 ta' April, 2019, u l-perijodu meta r-rikorrent kien qed jippjana li jkun Malta kien bejn it-28 ta' Mejju, 2019 u s-26 ta' Awwissu, 2019. Ir-rikorrent, li hu mill-Bangladesh, issottometta għadd ta' dokumenti u informazzjoni, inkluż kopja tal-ittra li permezz tagħha huwa kien ġie infurmat li kien ser jingħata impjieg mal-kumpannija AX Construction Limited bħala

*shutterer*. Fis-7 ta' Mejju 2019, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal *visa* kienet qiegħda tiġi rifjutata, u li huwa kellu jedd jintavola appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni. Ir-rikorrent fil-fatt intavola l-appell tiegħu fit-28 ta' Mejju, 2019, fejn saħaq li l-applikazzjoni tiegħu ma kellhiex tiġi rifjutata għar-raġuni mogħtija mill-appellata illi "*the information submitted regarding justification for the purpose and conditions of the intended stay was not reliable*", u dan għaliex ir-rikorrent diġà kellu *single-work permit* biex ikun jista' jaħdem f'Malta, kif ukoll permess biex ikun jista' jgħix hawn Malta. Fir-rikors tal-appell tiegħu, ir-rikorrent saħaq li l-permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-applikant il-jedd li jidħol fiż-Żona Schengen, kif ukoll il-jedd li jidħol fl-Istat Membru minn fejn jkun ħareġ dak il-permess. Kompla jgħid li m'hemm l-ebda raġuni għar-rifjut tal-ħruġ ta' tali *visa* wara li kien inħariġlu minn Identity Malta *single-work permit* taħt id-dispożizzjonijiet tas-*Single Application Procedure for a Single Permit as regards Residence and Work and a Common Set of Rights to those Third Country Workers legally residing in Malta Regulations* (Avviż Legali 160/2014). Ir-rikorrent spjega li l-ħsieb tiegħu kien li jivvjaġġa lejn Malta sabiex ikun jista' jaħdem mal-kumpannija AX Construction Limited skont kuntratt ta' impjieg li huwa kien iffirma, u kellu anki kuntratt ta' kera fir-rigward tal-fond numru 20, Triq Santa Marija, il-Mellieħa, għal perijodu ta' sena. Ir-rikorrent spjega li huwa kellu fil-pussess tiegħu ċertifikat ta' kondotta tajba maħruġ mill-Pulizija fil-Bangladesh, kopja ta' *statement* tal-kont bankarju tiegħu, ittra ta' rakkomandazzjoni, ċertifikat mediku, ittra li tikkonferma li r-rikorrent kien ser jingħata impjieg mal-kumpannija AX Construction Limited, kopja taċ-ċertifikat

tat-twelid u kopji ta' ċertifikati akkademiċi, dikjarazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tiegħu, kif ukoll kopja tal-biljetti tal-ajru li kienu nxtraw mir-rikorrent sabiex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta. Il-Qorti tirrileva li bis-saħħa tas-*single-work permit* maħruġ lir-rikorrent, jirriżulta li r-rikorrent kien awtorizzat jivvjaġġa lejn Malta sabiex jibda jaħdem f'pajjiżna, iżda "*subject to you fulfilling all other immigration requirements.*" Fuq dan id-dokument hemm ukoll speċifikat li dan id-dokument ma jikkostitwixxix permess ta' impjieg: "*This document is not your work permit however.*"

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-27 ta' Novembru, 2019, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Preliminary***
>
> ***The Board:***
>
> *Saw the decision issued on 7th May 2019 whereby the relative application for a visa was rejected for the following reason: "The information submitted regarding the justification for the purpose and conditions of the intended stay was not reliable."*
>
> *Saw the appeal filed on 28th May 2019;*
>
> *Saw the submissions of the Central Visa Unit filed on 16th October 2019; and*
>
> *Saw all the submissions filed and documentation presented.*
>
> ***<u>Submissions filed, evidence produced and considerations</u>***
>
> *The Central Visa Unit (CVU) acknowledged that the appellant had been provisionally granted a Single Permit by Identity Malta (ETC/ELU/194748/124219) but went on to observe that although the invitation letter stated the address at which the appellant would reside, no evidence related thereto had been submitted.*

*The appellant claims in his appeal that he is already in possession of a Single Permit. Such an assertion is unquestionably wrong. Document "3" submitted by the appellant, which is an authenticated copy of Identity Malta's provisional acceptance pending completion of further procedures states quite clearly "This document is not your work permit however." One is only granted a Single Permit once the procedures outlined in Identity Malta's provisional acceptance are completed to the satisfaction of the latter and once the appellant is handed his Single Permit in the form of an identity card.*

*The claims of the appellant consequent to the aforementioned claim, such as claiming that "the residence permit granted by a Member State on its own authorises a person to enter the Schengen Zone" are also wrong, especially now that it has been firmly established that Identity Malta's* provisional *acceptance is not the Single Permit itself.*

*Amongst the documentation submitted in support of the appeal, the appellant submitted a copy of a lease agreement relative to the address 20, Triq Santa Marija, Mellieħa.* ***However, whereas the appellant is Ashraf Miah, the tenant indicated on the agreement is someone with a completely different name – Md. Mashuk Miah.*** *The latter individual bears identity card number* ***82818 A.*** *It is obvious that as the appellant has not yet been granted a Single Permit according to law, he has no identity card number yet.*

*The appellant has failed to explain why he failed to submit evidence of accomodation to the competent embassy or consulate and subsequently, before this Board, also failed to provide a copy of a rental agreement or some similar document bearing his name.*

*It follows that the appellant's appeal cannot be accepted.*

***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of Regulation 810/2009/EC, the Board rejects the appeal."*

**L-Appell**

5. L-appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord, u intavola appell minnha fis-6 ta' Diċembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> "... *jogħġobha tħassar u tannulla* in toto *d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord nhar is-27 ta' Novembru 2019 u tilqa' l-applikazzjoni tiegħu jew tirrimetti l-atti lura lill-Bord u tidderiġi lill-istess Bord sabiex jiddeċiedu l-appell ai termini tal-liġi applikabbli u dana taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, inkluż ta' dan l-appell, kontra l-appellat."*

6. L-appellant jgħid li ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord għaliex proċeduralment il-Bord m'osservax il-liġi meta naqas milli jisma' lill-partijiet u dan bi ksur tal-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan wassal għal ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. L-appellant jgħid ukoll li l-Bord applika regolamenti li mhumiex kontemplati fil-liġi speċifika. F'dan ir-rigward, l-appellant għamel riferiment għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 35(1) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, li jispeċifika li l-Ministru jista' jipprojbixxi d-dħul f'Malta ta' kull persuna li fil-fehma tal-Ministru ma jkollhiex post xieraq fejn toqgħod f'pajjiżna, u qal li f'dan ir-rigward il-liġi ma titlobx li jkun hemm bħala evidenza xi ftehim ta' kera jew xi dokument simili f'isem l-applikant, kif talab il-Bord. Żied jgħid li l-ġurisprudenza turi li jkun suffiċjenti li tingħata evidenza ta' akkomodazzjoni xierqa, kif fil-fatt għamel l-appellant fil-każ odjern.

7. Permezz ta’ rikors ulterjuri ppreżentat fl-10 ta’ Awwissu, 2020, l-appellant qal li minkejja li l-artikolu 208 (1) tal-Kap. 12 jgħid li quddiem il-Qorti fi grad ta’ appell m’għandu jinġieb l-ebda xhud li ma jkunx inġieb quddiem qorti fl-ewwel grad, l-eċċezzjoni għal din ir-regola hija li meta jiġi ppruvat li l-parti li trid iġġib ix-xhieda ta’ dak ix-xhud ma setgħetx iġġib lil dak ix-xhud fl-ewwel istanza quddiem il-Bord, dak ix-xhud għandu jitħalla jixhed quddiem qorti fit-tieni grad. Qal li ladarba l-Bord naqas milli jappunta seduta għas-smigħ, huwa ma kellux l-opportunità li jressaq kwalunkwe xhieda rilevanti għall-każ tiegħu, minkejja dak li tgħid il-liġi. In vista ta’ dan, l-appellant talab li quddiem din il-Qorti tinstema’ x-xhieda ta’ Mashuk Miah, li huwa l-persuna li għenu u tah l-assistenza kollha sabiex jikseb il-permessi neċessarji biex ikun jista’ jiġi jaħdem f’Malta, u li kera l-appartament f’ismu u kien qiegħed jagħmel tajjeb għall-kera f’isem l-appellant.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha*,* is-*Central Visa Unit* qalet li kemm fir-rikors tal-appell, u anki fir-rikors ulterjuri ppreżentat fl-10 ta’ Awwissu 2020, l-appellant allega li kien hemm ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, minħabba li ma nżammitx seduta *viva voce* quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni. Żiedet tgħid li sabiex persuna jkollha jedd ta’ smigħ xieraq, m’hemm l-ebda ħtieġa li din tingħata smigħ orali, imma li l-partijiet jingħataw l-istess opportunità li jippreżentaw il-każ tagħhom, b’kull mezz li jkun, anki bil-kitba. L-appellata qalet ukoll li f’każ li l-appellant xtaq li jippreżenta lil Mashuk

Miah bħala xhud, dan seta' faċilment intalab jixhed permezz ta' *affidavit,* xi ħaġa li ma saritx. L-appellat qal li mhux minnu li l-appellant ma kienx jaf li mal-applikazzjoni tiegħu huwa kellu jannetti kopja tal-kuntratt ta' kera, għaliex l-appellant applika għall-*visa* permezz tal-aġenzija bl-isem ta' VFS Global, u ingħata *checklist* ta' dokumenti li kellu jippreżenta mill-istess aġenzija. F'din il-lista, hemm imniżżel li l-appellant kellu jippreżenta kopja ta' kuntratt ta' kera ffirmat. L-appellata tgħid ukoll li l-appellant mhux korrett meta jgħid li seta' jippreżenta kopja ta' kuntratt iffirmat minn terza persuna li huwa allega li kienet qiegħda tagħmel tajjeb għall-kera tiegħu f'Malta. Żiedet tgħid ukoll li l-kuntratt ta' kera ppreżentat mill-appellant beda jiddekorri fl-1 ta' Jannar, 2020, filwaqt li l-applikazzjoni għall-*visa* tiegħu saret f'April tal-2019, filwaqt li r-rifjut inħareġ f'Mejju tal-2019.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju: Il-Bord naqas milli jisma' lill-partijiet*

L-appellant qiegħed jilmenta li f'dan il-każ huwa ma ngħatax smigħ xieraq għaliex il-partijiet ma ngħatawx l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet

tagħhom quddiem il-Bord verbalment, u żied jgħid li huwa xtaq iressaq xhud li seta’ jispjega aħjar is-sitwazzjoni tiegħu u l-pjanijiet tiegħu biex jiġi jaħdem f’Malta, iżda l-Bord baqa’ ma żamm l-ebda seduta fejn fiha jisma’ lill-partijiet. Min-naħa l-oħra l-appellata eċċepiet li f’dan il-każ kull wieħed mill-partijiet kellu l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, u għalhekk ladarba kull parti kellha l-istess opportunità li tagħmel il-każ tagħha bħall-parti l-oħra, ma jistax jintqal li xi parti sofriet leżjoni għall-jedd tagħha li jkollha smigħ xieraq. Din il-Qorti, kif diġà rrilevat f’każijiet oħra li kienu jinvolvu lill-appellata, u fejn ġie sollevat l-istess aggravju, tqis li l-fatt li ma tinżamm l-ebda udjenza quddiem il-Bord hija anomalija. Huwa minnu li l-artikolu 25A (1)(ċ) tal-217 jistipula illi:

> “Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni jisma’ u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, jew ta’ regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta’ kull liġi oħra.”

Din id-dispożizzjoni tal-liġi ma tesiġix li l-Bord għandu jżomm seduta għall-ġbir tal-provi jew sabiex jisma’ lill-partijiet. Mill-banda l-oħra l-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva (il-Kap. 490) jipprovdi li tribunal amministrattiv, li jinkludi wkoll lill-Bord skont l-Ewwel Skeda tiegħu, għandu jagħti lil kull parti l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha “bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn”, liema dispożizzjoni tagħti diskrezzjoni lill-Bord dwar il-mod kif għandu jmexxi l-proċedimenti quddiemu. Minkejja dan, din il-Qorti tqis li ż-żamma ta’ seduta waħda sabiex almenu il-Bord jevalwa l-komportament u l-kredibbilità tax-xhieda, tkun miżura li ssaħħaħ idejn il-Bord meta jiġi biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. F’dan il-każ jirriżulta li l-appellant xtaq iressaq persuna li kienet qiegħda

tassistih fl-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jiġi jaħdem Malta, u li kera f'ismu l-appartament fejn l-appellant kien sejjer jirrisjedi ladarba jiġi Malta. Jirriżulta li l-Bord ċaħad l-appell tal-appellant mingħajr ma sema' dan ix-xhud x'kellu xi jgħid, jew x'kienet ir-raġuni għalfejn ippreżenta kopja ta' kuntratt ta' kera ffirmat minn terz. Ovvjament ladarba l-appellant kien għadu ma ġiex Malta, dan ma setax iffirma l-kuntratt ta' kera huwa stess. Ta' min jirrileva li applikazzjonijiet bħal dik tal-appellant isiru minn persuni li jkollhom iħallu pajjiżhom sabiex ifittxu opportunitajiet aħjar f'pajjiż ieħor, u ħafna drabi dawn il-persuni ma jkollhomx il-mezzi meħtieġa biex jikkontrattaw ftehim ta' kiri minn qabel ma jiġu Malta, partikolarment meta wieħed iqis li mal-ftehim ta' kera jintalab il-ħlas ta' depożitu ekwivalenti għal xahar kera u ħlasijiet oħra bil-quddiem. Miċ-*checklist* ippreżentata mill-appellata mar-risposta tal-appell tagħha, lanqas ma jirriżulta li l-aġenzija li ħadet ħsieb l-applikazzjoni tal-appellant talbet li l-kuntratt ta' kera jkun iffirmat mill-appellant innifsu, iżda l-prova li ntalbet kienet jew ta' prenotazzjoni f'lukanda, jew inkella ta' kuntratt ta' kera ffirmat. Imkien mhu speċifikat li l-kuntratt ta' kera jrid ikun iffirmat mill-appellant, u l-Qorti għal darb'oħra tirrileva li kieku kien hekk, tkun qiegħda tintalab dokumentazzjoni li huwa impossibbli għal xi ħadd fis-sitwazzjoni tal-appellant li jippreżenta. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, huwa aktar importanti li l-Bord iżomm imqar seduta waħda għas-smigħ tal-provi jekk ikun hemm, u sussegwentement jagħti d-deċiżjoni tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ġustifikat u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *Ġew applikati regolamenti li mhumiex kontemplati fil-liġi speċifika*

10. L-appellant jgħid li l-Att dwar l-Immigrazzjoni jispeċifika li l-Ministru jista' jipprojbixxi d-dħul f'Malta ta' kull persuna li fil-fehma tal-Ministru ma jkollhiex post xieraq fejn toqgħod f'Malta. Imkien ma jingħad li l-persuna li tapplika għal *visa* biex tkun tista' tiġi taħdem f'Malta, trid tkun iffirmat kuntratt ta' kera, jew li dan il-kuntratt għandu jiġi ppreżentat għas-sodisfazzjon tal-appellata qabel tinħareġ il-*visa.* L-appellant qal li f'dan il-każ huwa ssodisfa dan ir-rekwiżit billi ppreżenta kopja ta' ftehim ta' kera ffirmat minn persuna li huwa jaf u li kien ħajru u assistih sabiex ikun jista' jagħmel l-applikazzjoni neċessarja biex ikun jista' jiġi jaħdem f'Malta.

L-appellata saħqet li dan mhux minnu, u li l-kopja tal-kuntratt ta' kera ppreżentata mill-appellant saret ferm wara li huwa applika sabiex tinħariġlu l-*visa.* Din il-Qorti tirrileva li dan mhux korrett, għaliex mill-inkartament tal-proċess li nżamm quddiem il-Bord, jirriżulta li l-kuntratt ta' kera ppreżentat mill-appellant kien iffirmat minn Mashuk Miah fl-1 ta' Marzu, 2019. Għar-raġunijiet mogħtija diġà fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, u anki għaliex din il-Qorti tikkunsidra li l-leġiżlatur irid li sabiex persuna tingħata *visa* biex tkun tista' tiġi taħdem f'Malta, din għandha tipprova li għandha fejn tmur toqgħod, u mhux li hija f'isimha tkun ikkontrattat ftehim ta' kera, qiegħda tqis li anki dan it-tieni aggravju huwa mistħoqq, u tilqgħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqa' l-aggravji tal-appellant, u tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata. Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellant, li tagħti qies tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti f'din is-sentenza.**

**Spejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord u ta' dan l-appell, a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**